MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 73/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Matthew Zahra**
**Stefan Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Matthew Zahra ta’ 18 -il sena iben Vincent u Veronica nee’ Ayling imwieled Pieta’ fi 28 ta’ Frar 1985, residenti fi 41, B, Marsamxett Road, Valletta. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 169685M.

Lil Stefan Cachia ta’ 14-il sena iben Martin u Therese nee’ Carabott imwieled Pieta’ fi 23 ta’ Novembru 1989 residenti ‘Casa Martina, 238, Trieq l-Imhallef William Harding, Pembroke. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 562089M.

Billi gew akkuzati talli fil-25 ta’ Jannar 2004, u f’dati precedenti, fil-Furjana, xjentement qieghddu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghall-bejgh jew impurtaw ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq, u cioe’ madwar 3363 DVD’s u playstation games. Dan bi ksur ta’ l-Aritikolu 298(1) f tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irripproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

<u>Lil Matthew Zahra biss:</u>

B’hekk sar recidiv ghat-termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversement preseduta u datata 30 ta’ April 2003.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika il-konfiska illi f’kas ta’ htija il-provedimenti tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok EMC5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati fil-presenza tal-avukat difensur taghhom iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat fil-konfront tal-imputat Matthew Zahra l-artikoli 17, 31, 298(1)(f), 298B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Stefan Cachia l-artikoli 17, 31, 37, 298(1)(f) u 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Matthew Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-istess imputat Matthew Zahra ghall-piena komplessiva ta’ disa’ mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi ta’ Euro (Euro 931.75) multa ekwivalenti ghall-erba’ mitt Liri Maltin (Lm 400).

Issib lill-imputat Stefan Cachia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-konfront tal-imsemmi imputat Stefan Cachia japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-istess imputat Stefan Cachia taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok CPE1, Dok CPE2, Dok CPE3, Dok CPE4, Dok CPE5, Dok CPE6 u Dok CPE7 u ghal fini ta’ tali distruzzjoni tinnomina lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u wara r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) ghandu jaghmel Rapport dwar tali distruzzjoni u jippresentah fir-Registru ta’ din il-Qorti sabiex jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Stefan Cachia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------